**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 125/2018**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Tania Borg**

Illum, 28 ta' Ottubru 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Tania Borg, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 389282(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli matul il-21 u 22 ta' Marzu 2017 ġewwa dawn il-gżejjer Maltin b'diversi atti magħmulin fi żminijet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. B'meżżi kontra l-liġi , jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħet fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' aktar minn ħames mitt ewro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) għad-dannu ta ' Nazzareno Bartolo detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 3164(G) u/jew ta' persuna/I ohra u/jew il-Bank APS u /jew ta'entita' jew entitajiet oħra.;

2. U aktar talli, għamlet qliegħ ieħor b'qerq mhux msemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta ta' aktar minn ħames mitt ewro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef ewro (€5000) għad-dannu ta' Nazzareno Bartolo

detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 3164(G) u/jew ta' persuna/I oħra u/jew il-Bank APS u /jew ta'entita' jew entitajiet oħra.;

3. U aktar talli, ikkommettiet serq ta' flus għad-dannu ta' Nazzareno Bartolo detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 3164(G) u/jew ta' persuna/I oħra u/jew il-Bank HSBC u /jew ta'entita' jew entitajiet oħra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeċċediex l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-persuna.

Il-Qorti intalbet sabiex f'każ ta' ħtija tqis lill-imputata Tania Borg bħala li saret reċidiva ai termini tall-Arikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kienet misjuba ħatja ta' sentenza mogħtija lilha mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Mejju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 308, 310(1)(b), 309, 261(c) u (d), 267, 268, 279(a), 280(1), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma sabitx lill-imputata ħatja tal-ewwel, tieni u tielet imputazzjonijiet u illiberatha.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Ġenerali, ippreżentat fid-19 ta' Mejju 2022, fejn talab lil din l-Qorti tiddikjara nulli l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u konsegwentement tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-każ jiġi mismugħ mill-ġdid, inklużi l-provi li l-prosekuzzjoni u d-difiża jidhrilhom li għandhom iressqu, u imbagħad deċiż skont il-liġi.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellata eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi aggravat bis-sentenza appellata l-Avukat Ġenerali jressaq l-aggravju uniku illi l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti huma nulli bil-konsegwenzjali nullita' ukoll tas-sentenza mogħtija mill-istess qorti u dan għaliex kien hemm inosservanza tad-dettami tal-liġi penali li jfassal l-*iter* li għandu jsewgi l-proċess kriminali.

Illi minn eżami tal-atti proċesswali huwa evidenti illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun fl-ilment minnu imqanqal. L-appellata tiġi mixlija b'diversi reati fosthom tal-frodi, s-serq u il-falz, għal liema imputazzjonijiet l-Avukat Ġenerali jidher li eżerċita s-setgħa mogħtija lilu fl-artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali meta ta l-kunsens tiegħu sabiex il-każ jiġi trattat u deċiż bil-proċedura sommarja mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1], u dan stante illi dawn l-imputazzjonijiet kienu jeżorbitaw il-kompetenza oriġinali tal-Qorti. Dan ifisser illi l-Ewwel Qorti kellha imbagħad issegwi l-proċedura imfassla fl-imsemmi artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali[2] u ċioe' kellu jsir l-eżami tal-imputata mingħajr ġurament fit-termini ta' dak dispost fl-artikolu 392 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-Qorti tistaqsi jekk hija għandiex oġġezzjoni li l-każ jkun trattat u deċiż bil-proċedura sommarja u huwa biss wara li jiġi imqiegħed fiż-żgur dan il-kunsens u wara ukoll li jiġi aċċertat illi hemm il-kunsens ukoll tal-Avukat Ġenerali illi l-Qorti issir kompetenti biex titratta l-każ. Illi din il-Qorti kif diversament ippresjeduta iddeċidiet każ konsimili meta ngħad:

> **Fl-ewwel udjenza li l-imputat deher quddiem il-Qorti Inferjuri (29 ta' Mejju, 2000, ara fol. 22) mhux biss ma jirrisultax li sar l-ezami tieghu skond l-Artikoli 392 u 395 tal-Kodici Kriminali, izda anqas jirrizulta li saritlu l-mistoqsija *di rito* skond l-Artikolu 370(4)(a), jigifieri l-mistoqsija jekk hu kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja. In mankanza ta' tali mistoqsija u, evidentement, twegiba ghaliha, il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal procedura sommarja li kien gie ezibit mal-komparixxi (fol. 2) kien irrelevanti. Il-Qorti Inferjuri, flok ma ghaddiet ghall-kumpilazzjoni kif kellha taghmel – kumpilazzjoni li kellha tinghalaq fi**

[1] Kunsens ta'l-Avukat Ġenerali eżebit a fol.5 tal-proċess

[2](4)(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1)(b), jekk id-delitt li bih l-imputat ikun akkużat huwa wieħed li għalih hemm piena ta' priġunerija għal żmien ta' aktar minn sentejn iżda mhux aktar minn sitt snin, il-qorti għandha, waqt l-eżami tal-akkużat skont l-artikolu 392 iżda qabel ma jiġi eżaminat skont issubartikolu (l)(b) ta' dak l-artikolu, tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja; u l-qorti għandha tagħtih żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija.
(b) Jekk, matul l-imsemmi żmien, l-akkużat iwieġeb li huwa m'għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, il-qorti għandha tistaqsi lill-uffiċjal prosekutur jekk l-Avukat Ġenerali jkunx ta l-kunsens tiegħu bil-miktub sabiex il-każ jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, u jekk ma ssir ebda oġġezzjoni, il-qorti għandha tinnota dan il-fatt fil-proċess u malli tagħmel hekk il-qorti tkun kompetenti li titratta l-każ tal-akkużat u għandha tipproċedi skont hekk:
Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tiftiehem li żżomm lill-qorti milli tipproċedi bil-kompilazzjoni meħtieġa jekk mill-provi jkun jidher li sar delitt li jaqbeż il-kompetenza tagħha.

**zmien xahar – ittrattat il-kaz bhala wiehed sommarju minghajr ma kienet giet konferita lilha l-kompetenza skond il-ligi[3].**

Illi l-Ewwel Qorti dan il-proċess ma segwietux billi l-akkużi qatt ma inqraw mill-Uffiċjal Prosekutur bil-ġurament tiegħu u qatt ma sar l-eżami mingħajr ġurament tal-appellata skont id-dispost ta'l-artikolu 392, kif allura qatt ma saret il-mistoqsija dwar il-proċedura sommarja, sabiex b'hekk l-Qorti qatt ma kisbet l-kompetenza biex titratta u tiddeċiedi l-każ li kellha quddiemha.

Issa huwa minnu illi, kif jirriżulta mill-atti, f'dan il-proċess penali kien hemm ħafna tkaxkir tas-saqajn kemm minn naħa tal-Prosekuzzjoni, kif ukoll minn naħa tal-imputata li talbet għadd ġmielu ta' differimenti għaliex dejjem għal xi raġuni jew oħra kienet indisposta. Kif kien hemm talbiet għal differiment ukoll minn naħa tal-Prosekuzzjoni, għalkemm għandu jingħad illi l-imputata dejjem kienet inġunta u debitament notfikata biex tidher għas-seduti fil-qorti u l-Prosekuzzjoni għal iktar minn seduta waħda ħarrket diversi xhieda biex jiddeponu iżda s-seduta ma setatx issir billi l-imputata naqqset milli tattendi. Tifhem għalhekk illi l-Ewwel Qorti wara aktar minn sentejn li ġiet ippreżentata l-akkuża kellha tieħu azzjoni sabiex tara illi dan il-proċess ġudizzjarju jasal fit-tmiem tiegħu. Iżda ma setatx tagħmel dan b'nuqqas ta' osservanza tad-dettami tal-liġi.

Dan in-nuqqas, kif tajjeb jillanja l-Avukat Ġenerali, iwassal għan-nullita' mhux biss tas-sentenza appellata, iżda tal-proċeduri kollha quddiem l-Ewwel Qorti, għalkemm, kif ingħad, dawn il-proċeduri penali fil-fatt qatt ma raw il-bidu tagħhom għal motivi hawn fuq miġjuba. Illi l-artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali fil-fatt jiddisponi illi l-Qorti tal-Maġistrati għandha tgħaddi għas-sentenza biss wara l-egħluq tas-smigħ tal-kawża billi tillibera jew tikkundanna lill-akkużat. Illi f'dan il-każ is-smigħ tal-każ qatt ma kien mibdi u kwindi l-Qorti ma setatx tgħaddi għas-sentenza skont id-dispost ta'l-artikolu 377. Illi l-Qorti tista tieqaf hawn peress illi ebda ħaġa li saret mill-Qorti tul il-proċeduri ma setgħat twassal lil dik il-Qorti tasal għad-deċiżjoni tagħha li tillibera lill-appellata mill-imputazzjonijiet lilha addebitati ġaladarba lanqas biss kienet għadha kisbet il-kompetenza biex tagħmel dan.

[3] Il-Pulizija vs Joseph Zahra deċiża 03/12/2001 App.nru.183/2001VDG

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, tiddikjara il-proċeduri li seħħew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala nulli u bla effett fil-liġi, u konsegwentment tiddikjara is-sentenza appellata nulla ukoll. Wara li rat l-artikolu 428(4) tal-Kodiċi Kriminali, tibgħat l-atti lura lil Qorti tal-Maġistrati sabiex il-proċess penali kontra l-appellata jsir mill-ġdid skont il-liġi.**

**(ft) Imhallef**

**Vera Kopja**

**Joyce Agius**

**Deputat Registratur**